# IL-KNISJA TA' KRISTU F'MALTA

# IL-KNISJA TA' KRISTU F'MALTA

Int issib li l-Knisja ta' Kristu f'Malta hija dik **l-istess** knisja li taqra dwarha fit-Testment il-Ġdid tiegħek. Issib membri li huma Skritturali fix-xogħol, qima, u attitudni.

Il-qima tagħna hija ggvernata minn kmand u eżempju tat-Testment il-Ġdid. Aħna saħansitra nkantaw it-tifħir tagħna lil Alla mingħajr akkumpanjament ta' mużika strumentali, **l-istess** kif kienu jagħmlu l-Kristjani tal-bidu biex jobdu lill-Mulej (Efesin 5:19). Aħna wkoll nieħdu sehem fl-Ikla tal-Mulej f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, **l-istess** kif hu ordnat fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa (Atti 20:7).

Il-pridkar fil-Knisja ta' Kristu f'Malta huwa bibliku u skond l-Evanġelju (Mark 16:15-16). L-iskop huwa biex naduraw fl-ispirtu u fil-verità (Ġwanni 4:24). Għalkemm l-adorazzjoni tagħna hija strutturali, din mhix liturġika. U għalhekk l-adorazzjoni tagħna hija spiritwali, l-affarijiet kollha huma magħmula b'mod diċenti u fl-ordni (1 Korintin 14:40). U hemm sentiment ta' rieda tajba lejn kulħadd.

# IL-KNISJA TA' KRISTU F'MALTA

## PEDAMENT IBBAŻAT FUQ KRISTJANEŻMU AWTENTIKU

Kristjaneżmu awtentiku jista' jkun misjub biss permezz ta' eżami bil-għaqal tat-Testment il-Ġdid. Dak is-sors waħdu juri r-reliġjon safja awtorizzata minn Ġesù u ppridkata mill-appostli Tiegħu (2 Timotju 3:16-17).

Il-Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid huwa ġenwin. Iż-żidiet u l-bidliet kollha ta' wara ħolqu reliġjonijiet moderni li jkunu xi ħaġa differenti mill-oriġinal. Kull knisja moderna għandha l-isem partikulari tagħha biex jiddistingwiha mill-oħrajn. L-uniku isem li ġġib il-knisja tat-Testment il-Ġdid huwa l-isem tal-Mulej tagħha, il-knisja ta' Kristu (Rumani 16:16).

Kristjaneżmu mibdul mhuwiex li jissodifa. Lanqas ma huwa fiż-żgur (Galatin 1:8-9; 2 Ġwanni 8-9). Dan huwa aktar invenzjoni tal-bniedem milli rivelazzjoni ta' Alla. Jekk aħna nixtiequ li nkunu tassew reliġjużi, tassew spiritwali, awtentikament Kristjani, allura għaliex ma mmorrux lura għall-bażi oriġinali tal-verità? Għaliex ma jkollniex Kristjaneżmu ta' l-ewwel seklu fis-seklu tagħna? (Luqa 8:11). Fuq kollox, il-ħaġa reali hija l-aktar ħaġa mixtieqa.

## L-GĦAN TAGĦNA FIL-KNISJA TA' KRISTU F'MALTA HU, LI NĠIBU LURA L-KRISTJANEŻMU ORIĠINALI FID-DINJA TAL-LUM

Li nġibu lura l-Kristjaneżmu oriġinali fid-dinja moderna tal-lum huwa possibbli. Il-valuri u l-prinċipji tal-ħajja, tal-missjoni, qima u organizzazzjoni tal-knisja u l-mod li bih persuni jsiru Kristjani, salvi u jibqgħu salvi jistgħu jkunu dduplikati fiż-żmien tagħna u f'pajjiżna. Dan kollu huwa ħaġa sempliċi li mmorru lura għar-rivelazzjoni awtentika minn Alla, it-Testment il-Ġdid, għall-gwida tagħna fil-ħsibijiet reliġjużi kollha u kondotta (1 Pietru 4:11). X'jieħu biex tikseb mill-ġdid Kristjaneżmu awtentiku? Dan jinvolvi li nwarrbu tradizzjonijiet tal-bnedmin u dokumenti mhux ispirati u naċċettaw **biss** il-Kelma ta' Alla bħala r-regola tagħna ta' fidi u mġieba.

*Jekk aħna nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta, nistgħu nkunu żguri li qegħdin nipprattikaw Kristjaneżmu awtentiku.* Dan ifisser li aħna nistgħu mbagħad inkunu Kristjani fl-istess sens li persuni kienu Kristjani fil-perjodu appostoliku. U, jekk aħna nkunu lesti li nħaddnu Kristjaneżmu safi, ikollna l-istess tama qawwija tas-smewwiet li kellhom il-Kristjani tal-bidu.

Ejja u ipparteċipa magħna fi Kristjaneżmu awtentiku! Inti ssib lilek innifsek fost ħbieb li l-uniku skop tagħhom hu li jwasslu l-messaġġ tal-Mulej (Mattew 28:18-20).

Is-servizz ta' qima tal-Ħadd jibda: 10.30 ta' fil-għodu. Ikollna wkoll studji tal-Bibbja matul il-ġimgħa skond il-ħtiġijiet ta' l-individwu. Inti dejjem mistieden li tattendi wkoll bħala osservatur. Jekk inti tkun tixtieq li tieħu kors tal-Bibbja bla ebda ħlas bil-korrispondenza, iktbilna f'dan l-indirizz:

Knisja ta' Kristu, Flat 7, Polythecnic Flats,
Ġużè Debono Square, Msida MSD 10.